# It-Tużell tal-Kolleġġjata ta' l-Isla

**Kitba tas-Sur Joseph Haber**

Il-Knisja Kolleġġjata ta' l-Isla, minn dejjem kienet mogħnija u mżejna bl-isbaħ opri ta' l-arti l-aktar prestiġġjużi, minn fost dawk li nsibu fil-knejjes imxerrdin madwar il-gżejjer tagħna. Ħafna minn dawn it-teżori u opri artistiċi għadna nistgħu ngawduhom sal-lum meta jkunu armati fil-Bażilika tagħna, speċjalment fil-jiem tant mistennija tal-festa tal-Vitorja. Ta' dan għandna għax nirringrazzjaw lil dawk is-Sengleani li għexu qabilna u li għarfu jieħdu ħsiebhom u jgħożżuhom mal-medda tas-snin.

Teżori oħrajn sfortunatament intilfu darba għal dejjem waqt l-attakki ta' l-għadu matul l-aħħar Gwerra Dinjija, meta l-Isla kienet fost l-aktar inħawi li ġew ibbumbardjati f'Malta, speċjalment mill-qawwa ta' l-ajru Ġermaniża. Jissemmew b'mod speċjali l-attakki ta' Jannar ta' l-1941, kif ukoll dawk ta' April ta' l-1942, meta saret ħsara estensiva u irreparabbli proprju fil-Bażilika għażiża tagħna.

Imbagħad hemm opri ta' l-arti oħrajn li sfortunatament, minħabba xi raġuni jew oħra, jinsabu mxerrdin fi knejjes oħra madwar Malta u Għawdex. Eżempju wieħed ta' dawn huma l-artal maġġur li kellna fil-knisja tal-Vitorja sa l-1921, u llum jinsab fil-knisja parrokkjali ta' San Pawl il-Baħar, iżda dwar dan tkellimna s-sena l-oħra. Din is-sena se nitkellmu dwar it-tużell li kellna fil-Kolleġġjata tagħna, qabel ma din ġiet mogħtija l-ġieħ ta' Bażilika.



It-Tużell ta' l-artal maġġur mixtri mill-parroċċa ta' l-Isla fl-1921.

Dan it-tużell kien sar għall-Kolleġġjata ta' l-Isla fl-1903, (fl-istess sena li matulha sar il-pedestall tal-fidda tal-Bambina, u hawn ta' min jgħid li l-Isla kienet minn tal-bidu nett f'Malta li kellha l-pedestall ta' l-istatwa titulari tal-fidda).



Il-pedestall tal-fidda tal-Bambina mżanżan fil-festa ta' l-1903.

Skond tagħrif mogħti mill-Kan. Dun Ġużepp Portelli, dan it-tużell kien ġie maħdum fuq disinn ta' Karmenu Theuma, skultur magħruf sewwa f'dawk iż-żminijiet, anke għaliex l-istil tax-xogħlijiet tiegħu jixbħu ħafna lil dak ta' Abram Gatt. L-injam maħdum bih hu ta' kwalità prestiġjuża ħafna, mhux biss għad-disinni sbieħ li hemm minquxa ġo fih, iżda anke għall-iskultura u l-għamla artistika mill-aqwa li hu maħdum fiha, li tagħmlu jispikka fuq opri artistiċi oħra ta' din ix-xorta. Dan ix-xogħol fl-injam li qed insemmu kien kollu ndurat. Hu kien imżejjen ukoll b'numru ta' pendenti, meħjuta fil-lama rrakmata bil-ħajt tad-deheb mill-aktar fin. Mad-dawra kollha f'tarf il-pendenti, kien hemm meħjut gallun u frenza sabiħa b'numru ta' ġmiemen, ukoll tad-deheb. Fil-fond taċ-ċelu jħares 'l isfel, kellu raġġ skulturat fl-injam, b'ħamiema simbolu ta' l-Ispirtu s-Santu fiċ-ċentru tiegħu, ukoll indurat bid-deheb.

Hekk kif f'Mejju ta' l-1920, f'Malta xterdet l-aħbar li l-Kolleġġjata ta' l-Isla ġiet mogħtija t-titlu ta' Bażilika, (l-ewwel Kolleġġjata



It-Tribuna Bażilikali li ġġarrfet u li kienet tiddomina l-Bażilika ta' Marija Bambina fis-snin ta' qabel l-aħħar Gwerra Dinjija. Fl-isfond jidher il-kwadru titulari tat-Twelid tal-Madonna, li kien impitter minn Mattia Preti u li llum jinsab fl-Awla Kapitulari tal-Bażilika.

Bażilika fil-gżejjer Maltin), bosta parroċċi xtaqu jakkwistaw dak it-tużell artistiku; l-istess kif kien ġara għall-artal maġġur li kellna, opra oħra ta' l-arti xejn inqas kbira. Dan ġara peress li kien magħruf il-fatt li meta Kolleġġjata tkun mgħollija għal ġieħ ta' Bażilika, din il-knisja jkollha d-dritt li minflok it-tużell ikollha tribuna bażilikali, u għalhekk bassru li ta' l-Isla kienu se jagħmlu proprju dan. Ġara iżda li l-prokuratur tal-Fratellanza tal-Karmnu taż-Żurrieq, il-ħabrieki Kan. Salv Vella, kien diġà talab lill-Arċipriet tal-Bażilika ta' l-Isla Dun Ġużeppi Adami, biex dik l-istess fratellanza tixtri dan it-tużell.



*Il-mibki Kanonku Dun Salv Vella - Prokuratur ħabrieki li ta spinta 'l quddiem lill-artal tal-fratellanza u li sal-lum għadna nistgħu ngawduh fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu fiż-Żurrieq.*



*Il-Kanonku Arċipriet Dun Ġużepp Adami: Arċipriet ta' ġrajjiet kbar.*

Għalhekk l-Arċipriet ressaq din it-talba quddiem il-Kapitlu Senglean, u dan aċċetta li jbiegħ dan it-tużell lill-Fratellanza tal-Karmnu taż-Żurrieq għall-prezz ta' 150 lira sterlina, li kienet somma konsiderevoli għal dak iż-żmien.

Għalhekk kif jirrakkonta Ninu Farrugia (ta' Kejli), fl-għodwa tal-ġurnata miftiehma, l-istess Kan. Salvu Vella flimkien ma' ċertu Lippu Farruġia, membru ieħor ħabrieki li wara kellu anke jsir prokuratur ta' din il-Fratellanza tal-Karmnu, u xi rġiel



*Lippu Farrugia li flimkien mal-Kanonku Salv Vella, tħabat biex ġab it-tużell fir-raħal taż-Żurrieq.*

oħra, irħewla lejn l-Isla fuq karrettun tat-tagħbija biex iġibu dan it-tużell lejn ir-raħal tagħhom. Minnufih ġriet l-aħbar fir-raħal taż-Żurrieq li tal-Karmnu xtraw it-tużell tal-Bażilika ta' l-Isla. Għal ħafna, speċjalment fost dawk li xtaqu jakkwistaw din l-opra, din l-aħbar kienet sorpriża kbira peress li l-ftehim kien sar malajr u nżamm kollox fil-kwiet. (Naħseb li tal-Karmnu ma tkellmu xejn ma' ħadd, biex ma jagħtux ċans lil ħaddieħor li jakkwista din l-opra artistika minflokhom) Għalhekk, meta kmieni wara nofsinhar dawk l-irġiel waslu lura bit-tużell fil-pjazza tar-raħal tagħhom sabu tistenniehom ġemgħa mdaqqsa ta' partitarji li lkoll ferħana tawhom merħba kbira.

Hawn nixtieq ngħid li ħafna minn dan it-tagħrif ġbartu mingħand diversi anzjani Żrieraq, li tkellimt magħhom dwar dan it-tużell u l-wasla tiegħu fir-raħal tagħhom. Huma rrakkuntawli dan l-avveniment kif dejjem kienu jisimgħuh mingħand ix-xjuħ tagħhom. Meta qabbilt il-verżjonijiet differenti ma' xulxin, sibt li ħafna mill-fatti rrakkuntati kienu jaqblu, u għalhekk wisq probabbli li dan ir-rakkont hu viċin ħafna tal-verità. Xi anzjani jgħidu wkoll li f'dawk il-ġranet meta nġieb it-tużell, xi sajjieda ta' Wied iż-Żurrieq kienu qabdu ħuta kbira, u dawn ftiehmu li jagħmluha lotterija biex il-qliegħ minnha jagħmel tajjeb għax-xiri ta' din l-opra hekk sabiħa.

Il-wasla ta' dan it-tużell ġabet ukoll xi nkwiet fir-raħal taż-Żurrieq. Dan wara li l-Arċipriet Dun Manwel Mifsud kien talab lill-Prokuratur, il-Kan. Salv Vella biex dan ma jintramax biss fil-festa tal-Karmnu, iżda wkoll għall-Kwarantuni Mqaddsa. Il-Fratellanza tal-Karmnu ma aċċettatx u żammet iebes fil-fehma tagħha. B'konsegwenza ta' hekk, il-festa esterna tal-Karmnu waqfet għal xi snin. Ninu Farrugia jgħid li matul dawk is-snin kien jiġi organizzat ballu ġewwa l-Każin tal-Banda Queen Victoria, fid-dar nru. *34 Piazza Maggiore*. Għalih kienu jittellgħu xi żeffiena nisa mill-Belt Valletta. Xi wħud isostnu li għal din l-okkażjoni, it-tużell kien jintrama fis-sala ewlenija ta' l-istess każin. Is-sitwazzjoni rigward il-festa esterna ġiet lura għan-normal fl-1925, fi żmien l-Arċipriet il-ġdid Dun Gio. Battista Ghio (1924 - 1945).

F'Marzu ta' l-1929, saru spejjeż kbar fuq it-tużell. Giov. Batta Busuttil tħallas erba' Liri għad-drapp tiegħu, waqt li Maria Coleiro tħallset disa' xelini għax-xogħol tal-ħjata. Ġużeppi Cachia ħadmilhom kaxxa biex fiha jintrefa' d-drapp. Milli jidher f'dik is-sena saru wkoll xi ħsarat fuq it-tużell; infatti hemm miktub li kellhom jitħallsu erbatax-il xelin u disa' soldi biex seta' jiġi rranġat. Xi xjuħ Żrieraq isostnu li kien hemm snin qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, meta t-tużell ġieli ntrama għall-festa ta' l-Epifanija, f'għeluq il-Kwarantuni Mqaddsa.

Dan it-tużell sabiħ, li sas-snin bikrin tas-seklu għoxrin kien tant iżejjen din il-knisja monumentali, Santwarju u Kolleġġjata tagħna, illum għadu jista' jitgawda u jiġi apprezzat kull sena, meta jkun armat għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu, fil-knisja parrokkjali taż-Żurrieq.


**Tagħrif miġbur minn:**

L-Isla fi ġrajjiet il-Bażilika-Santwarju ta' Marija Bambina, Vol. 3.

A.P.Z. Libro inventario della Confraternità della B.V.M. del Carmine.

A.P.Z. Libro Esito appartenente alla Ven.da, Confraternità dalla B.V.M. sotto il titolo del Carmelo.

Informazzjoni mgħoddija wkoll mis-Sinjuri Ġużi Dalli u Anthony Chircop.

Hajr ukoll lil dawk l-anzjani Żrieraq, li tawni tagħrif tant siewi dwar din il-ġrajja.